MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 384/2004

**United Acceptances Finance Limited**

**vs**

**Leonard Cole ID Nru. 179569(M) u
Jacqueline Cole ID Nru. 436871(M)**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, seba' mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm4,785), import ta' kambjali minnhom iffirmati u accettati, kopji ta' liema kambjali jinsabu annessi u mmarkati Dok. '1' sa '29', liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li gew interpellati sabiex ihallsu.

Bl-imghaxijiet mid-data ta’ kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi ta’ l-ittri ufficjali, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Semghet lill-konvenut Leonard Cole, fejn ammetta t-talbiet attrici.

Fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------